Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-000708/2017
lill-Kummissjoni
Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura
Therese Comodini Cachia (PPE)

Suġġett: Il-5G u l-edukazzjoni

Il-5G bħala evoluzzjoni tal-broadband mobbli se jkun fattur abilitanti ewlieni tad-dinja diġitali tal-ġejjieni. Il-ġenerazzjoni li ġejja ta' infrastruttura ta' broadband ultrarapidu għandha tirfed it-trasformazzjoni ta' proċessi f'kull settur ekonomiku (l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-enerġija, l-utilitajiet, il-manifattura, it-trasport, il-qasam awtomottiv, il-logħob online).

Kif beħsiebha l-Kummissjoni tiżgura l-edukazzjoni kontinwa ta' persuni ta' ħila rigward is-sistema l-ġdida?

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tagħmel disponibbli kurrikula dwar l-iżvilupp tal-5G fis-sħubija speċjali tagħha mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) Diġitali?